Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali
Il-President

9.4.2025

Is-Sur Adrian-Dragoş Benea
Il-President
Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali
BRUSSELL

Suġġett: Opinjoni dwar il-possibbiltajiet għas-simplifikazzjoni tal-fondi ta' koeżjoni (2024/2106(INI))

Sur President,

Skont il-proċedura inkwistjoni, il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali ngħata l-istruzzjoni li jippreżenta opinjoni lill-Kumitat tiegħek. Fil-laqgħa tiegħu tal-21 ta' Novembru 2024, il-kumitat iddeċieda li jibgħat din l-opinjoni fil-forma ta' ittra.

Il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali eżamina l-kwistjoni matul il-laqgħa tiegħu tad-9 ta' April 2025. Matul din il-laqgħa, iddeċieda li jippreżenta lill-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali, bħala l-kumitat responsabbli, l-opinjoni li tidher hawn taħt.

Dejjem tiegħek,

Li Andersson

OPINJONI

A. Billi l-politika ta' koeżjoni għandha rwol ċentrali fit-tnaqqis tad-disparitajiet soċjali, territorjali u ekonomiċi; billi l-politika ta' koeżjoni, il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej u, b'mod partikolari, il-Fond Soċjali Ewropew+ (FSE+), huma għodod b'saħħithom għall-koeżjoni bejn l-Istati Membri, ir-reġjuni u ż-żoni, inklużi ż-żoni urbani u rurali; billi l-politiki ta' koeżjoni differenti għandhom l-għanijiet u l-objettivi speċjali partikolari tagħhom;

B. Billi l-politika ta' koeżjoni għandha l-għan li twettaq il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, il-Pjan ta' Azzjoni tiegħu u l-miri ewlenin dwar l-impjiegi, it-taħriġ u l-indirizzar tal-faqar;

C. Billi l-FSE+ jappoġġja, jikkomplementa u jżid il-valur tal-politiki tal-Istati Membri sabiex jiġu żgurati opportunitajiet indaqs, aċċess ugwali għas-suq tax-xogħol, kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti u ta' kwalità għolja, protezzjoni soċjali u inklużjoni; li b'mod partikolari jiffokaw fuq edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità u inklużivi, tagħlim tul il-ħajja, investiment fit-tfal u ż-żgħażagħ u aċċess għas-servizzi bażiċi.

D. Billi l-FSE+ huwa l-uniku fond tal-UE li jiffoka primarjament fuq il-politiki soċjali, u għalhekk huwa uniku fih innifsu u huwa estremament effettiv u meħtieġ sabiex tinkiseb l-inklużjoni soċjali, flimkien ma' politika ta' koeżjoni oħra;

E. Billi l-aċċess għall-fondi ta' koeżjoni jista' jkun piż kbir b'mod sproporzjonat fuq il-benefiċjarji, li huwa l-każ b'mod partikolari għall-organizzazzjonijiet iż-żgħar; billi s-simplifikazzjoni tal-proċeduri ta' applikazzjoni jista' jkollha impatt pożittiv fuq it-tnaqqis ta' dan il-piż;

F. Billi l-kriżijiet reċenti u x-xenarju ġeopolitiku kumpless tal-UE poġġew pressjoni fuq il-baġit tal-UE biex jiġi kkunsidrat mill-ġdid f'termini ta' ġestjoni tal-kriżijiet u żieda fid-domanda għall-infiq u l-promozzjoni ta' prijoritajiet ġodda, bħall-kompetittività u t-tkabbir tal-UE; billi s-sigurtà soċjali għandha rwol vitali fit-trawwim tal-istabbiltà u s-sigurtà ġenerali tal-Ewropa billi għalhekk jeħtieġ li ninvestu f'impjiegi ta' kwalità, li jipprevjenu l-qgħad fost iż-żgħażagħ, akkomodazzjoni deċenti, sostenibbli u affordabbli u li jtemmu l-problema ta' persuni mingħajr dar u l-faqar, b'mod partikolari l-faqar fost it-tfal; billi s-simplifikazzjoni għandha r-riskju ta' telf ta' fokus u objettivi tal-politika ta' koeżjoni u dan għandu jiġi evitat;

G. Billi l-fondi ta' koeżjoni ntużaw diversi drabi fil-qafas attwali tagħhom biex jirrispondu għall-impatti soċjali tal-kriżijiet, bħall-pandemija tal-COVID-19, il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u d-diżastri naturali reċenti;

1. Jappella għal politika ta' koeżjoni b'saħħitha, u msaħħa, inkluża FSE+ separat, b'żieda sinifikanti fl-appoġġ pubbliku għall-istrumenti fl-Istati Membri bl-għan li jiġu megħjuna persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli u dawk l-aktar fil-bżonn fis-soċjetajiet tagħna, isir investiment fin-nies u fil-ħiliet, tingħata għajnuna biex in-nies jinħarġu mill-faqar u l-esklużjoni soċjali, u tingħata spinta lill-investiment soċjali; jinsisti, għalhekk, għal żieda sinifikanti fil-baġit tal-FSE+ fil-pakkett finanzjarju tal-FSE+ 2028-2034;

2. Jinsisti li l-FSE+ irid ikompli jkun l-istrument ewlieni u primarju li jappoġġja lill-Istati Membri, lir-reġjuni, lill-komunitajiet lokali u lin-nies fit-tisħiħ tad-dimensjoni soċjali tal-Unjoni u fil-ksib ta' żvilupp soċjoekonomiku li ma jħalli lil ħadd jibqa' lura

3. Jisħaq li l-politika ta' koeżjoni trid tindirizza, tikkontribwixxi u tadatta għall-indirizzar ta' sfidi soċjali bħad-diġitalizzazzjoni u l-konsegwenzi tat-tibdil fil-klima, u tindirizza sfidi soċjali bħall-għoli tal-ħajja u pagi li ma jogħlewx bl-istess ritmu, tippromwovi r-reżiljenza soċjali, tnaqqas l-inugwaljanzi, u tipproteġi lin-nies fl-aktar sitwazzjonijiet vulnerabbli; jinsisti li l-FSE+ għandu jixpruna l-investiment fit-tul u t-tkabbir, filwaqt li jiffoka fuq il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, jappoġġja t-trasformazzjoni strutturali fl-UE kollha u jsaħħaħ il-konverġenza bejn l-Istati Membri;

4. Jinsisti li l-FSE+ irid ikompli jsaħħaħ il-konveġernza soċjali 'l fuq, speċjalment għall-persuni l-aktar fil-bżonn, u jinvesti fil-kapital uman, fl-impjiegi, fl-iżvilupp tal-ħiliet u fl-inklużjoni soċjali, filwaqt li jsaħħaħ u l-intraprenditorija u l-innovazzjoni soċjali, jappoġġja wkoll l-SMEs, jinvesti fit-tfal, jindirizza t-tranżizzjonijiet diġitali u ekoloġiċi, l-isfidi demografiċi u r-reġjuni milquta mill-kriżijiet;

5. Jissottolinja r-rwol tal-politika ta' koeżjoni u tal-FSE+ fl-appoġġ tal-ħiliet u t-taħriġ li jistgħu jiffaċilitaw is-sejbien ta' impjieg jew it-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet fid-dawl tat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali; ifakkar li l-investimenti f'waqthom fit-taħriġ mill-ġdid u fit-titjib tal-ħiliet tal-ħaddiema li huma f'riskju li jitilfu xogħolhom jistgħu jżommuhom milli jaqgħu fil-faqar;

6. Itenni li l-politika ta' koeżjoni teżisti għal dawk li l-aktar għandhom bżonnha, bħat-tfal u n-nisa fil-faqar, iż-żgħażagħ, l-anzjani u l-persuni b'diżabbiltà, il-ħaddiema foqra, il-persuni mingħajr dar u l-migranti;

7. Jisħaq li l-proġetti kollha ffinanzjati taħt il-politika ta' koeżjoni jridu jikkonformaw bis-sħiħ mad-Direttiva (UE) 2022/2041 dwar pagi minimi adegwati fl-Unjoni Ewropea biex jiġu ggarantiti kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti u jiġi evitat id-dumping tal-pagi;

8. Jappella għal miżuri speċifiċi fi ħdan il-politika ta' koeżjoni biex jiġu ssalvagwardjati d-drittijiet tal-ħaddiema mobbli, inklużi l-ħaddiema transfruntiera u staġjonali, filwaqt li jiġu żgurati kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti, kopertura tas-sigurtà soċjali, u protezzjoni kontra l-isfruttament, b'mod partikolari f'setturi li jiddependu ħafna fuq ħaddiema temporanji u migranti;

9. Jinsisti li l-iżvilupp ta' proġetti tal-fond ta' koeżjoni ma jridx jikkontribwixxi għall-proliferazzjoni ta' impjiegi prekarji jew forom mhux standard ta' xogħol li jimminaw id-drittijiet tal-ħaddiema u s-sigurtà tal-impjiegi fit-tul;

10. Jenfasizza r-rwol kruċjali tal-atturi tal-ekonomija soċjali fil-ħolqien tal-impjiegi u l-inklużjoni soċjali, b'mod partikolari fir-reġjuni żvantaġġati; jinnota li kważi 14-il miljun persuna jaħdmu fl-ekonomija soċjali u fis-settur mingħajr skop ta' qligħ fl-Ewropa, u dawn għandhom jiġu appoġġjati aktar permezz tal-fondi ta' koeżjoni biex jippromwovu l-impjiegi sostenibbli u l-inklużjoni soċjali; jisħaq li l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali jaħdmu f'kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet lokali, li jiffaċilita u jissimplifika l-implimentazzjoni tal-proġetti ta' koeżjoni, filwaqt li jiżgura li l-finanzjament jilħaq b'mod effiċjenti lil dawk li l-aktar għandhom bżonnu;

11. Ifakkar li fl-2023, 24.8 % tat-tfal tal-UE kienu f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali jew f'riskju ta' faqar u li r-rata ta' faqar fost it-tfal qed terġa' tiżdied u jinsab imħasseb dwar id-deterjorament ulterjuri tagħha fis-snin li ġejjin; ifakkar fir-rwol tal-FSE+ fl-appoġġ tal-Garanzija Ewropea għat-Tfal u l-ġlieda kontra l-faqar fost it-tfal, kif ukoll fondi oħra ta' koeżjoni, u b'hekk is-sinerġiji huma tal-akbar importanza, kif ukoll żieda importanti fil-finanzjament;

12. Jenfasizza li sar ċar li l-implimentazzjoni tal-fondi ta' koeżjoni, inkluż l-FSE+, spiss tkun akkumpanjata minn piżijiet amministrattivi bla bżonn u regoli kkumplikati jew ineffettivi u jistieden għalhekk lill-Kummissjoni tivvaluta jekk il-proċessi ta' applikazzjoni jistgħux isiru aktar aċċessibbli;

13. Iwissi li s-simplifikazzjoni possibbli tal-fondi ta' koeżjoni m'għandhiex twassal għal telf fil-fokus u fl-objettivi tal-politiki ta' koeżjoni; jissottolinja f'dan ir-rigward li l-FSE+ huwa l-uniku fond tal-UE li jiffoka primarjament fuq il-politiki soċjali, u għalhekk huwa uniku fih innifsu u huwa estremament effettiv u meħtieġ sabiex tinkiseb l-inklużjoni soċjali; jirrimarka li r-reviżjoni tal-objettivi u l-governanza tal-politika ta' koeżjoni spiss wisq tista' tikkawża wkoll kumplikazzjonijiet u inċertezza għall-benefiċjarji;

14. Itenni li l-politika ta' koeżjoni hija politika ta' investiment sostenibbli fit-tul marbuta strettament mal-implimentazzjoni tal-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (EPSR) u l-Pjan ta' Azzjoni tiegħu; konsegwentement jopponi kwalunkwe tendenza li l-politika ta' koeżjoni titfassal mill-ġdid bħala politika omnikomprensiva;

15. Ifakkar li s-simplifikazzjoni ma tridx iddgħajjef il-prinċipji ta' amministrazzjoni tajba, akkwist pubbliku u kontroll finanzjarju u għandha tiżgura l-infurzar tal-kundizzjonalitajiet soċjali u l-istat tad-dritt;

16. Isostni li politika ta' koeżjoni b'saħħitha li hija bbażata fuq prinċipju ta' sħubija effettiva u mfassla għall-ħtiġijiet u l-isfidi ta' kull reġjun, tibqa' l-aħjar strument biex jitnaqqsu d-disparitajiet reġjonali u tiġi megħjuna konverġenza ekonomika u soċjali 'l fuq; ifakkar li r-reġjuni jeħtiġilhom iżommu rwol ċentrali biex jiżguraw li, permezz ta' sistema ta' governanza f'diversi livelli, il-programmazzjoni tibqa' qrib it-territorji u n-nies; itenni, għalhekk, il-ħtieġa li jiġi previst li l-fondi tal-politika ta' koeżjoni jkunu fil-biċċa l-kbira allokati għall-implimentazzjoni ta' programmi reġjonali mfassla mir-reġjuni, li huma proprjetà tagħhom u li huma ġestiti direttament minnhom;

17. Jappoġġja approċċ ibbażat fuq il-post u ċċentrat fuq in-nies għall-politika ta' koeżjoni, li jiżgura li l-finanzjament għall-appoġġ tal-impjiegi u l-inklużjoni soċjali jilħaq b'mod effettiv ir-reġjuni u l-komunitajiet li jeħtieġu l-aktar finanzjament; jenfasizza l-importanza tal-investiment territorjali integrat (ITI) u l-iżvilupp lokali mmexxi mill-komunità (CLLD) fl-indirizzar tad-disparitajiet fl-impjiegi f'territorji differenti;

18. Jieħu nota tad-disparitajiet sinifikanti fil-konnettività diġitali, il-ħiliet tal-IT, il-kapaċitajiet amministrattivi, u r-riżorsi disponibbli madwar ir-reġjuni tal-UE; jitlob li t-tranżizzjoni diġitali tavvanza u jissottolinja li s-simplifikazzjoni tal-proċessi ta' applikazzjoni u l-aċċess għall-fondi ta' koeżjoni jkunu ta' benefiċċju b'mod partikolari għar-reġjuni inqas żviluppati u tiżgura użu aktar effiċjenti tal-fondi;

19. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw il-parteċipazzjoni, l-għoti ta' informazzjoni lis-sħab soċjali u lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili (OSĊ) u l-konsultazzjoni magħhom fl-istadji tat-tfassil, tal-implimentazzjoni, tal-monitoraġġ u tal-evalwazzjoni tal-fondi ta' koeżjoni;

20. Jissottolinja li l-komunitajiet lokali huma l-benefiċjarji diretti tal-politika ta' koeżjoni, u hija prekundizzjoni li l-partijiet interessati reġjonali u lokali jkunu involuti direttament fit-tfassil ta' din il-politika ta' koeżjoni;

21. Jissottolinja l-importanza li l-prinċipji tal-fond ta' ġestjoni kondiviża, objettivi ċari u konċentrazzjonijiet tematiċi jenħtieġ li jitħaddnu, u li l-maġġoranza tal-fond għandha, kemm jista' jkun, tintuża minn dawk li għandhom bżonnu f'kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet u l-organizzazzjonijiet lokali u reġjonali;

22. Jissottolinja li l-politika ta' koeżjoni trid tibqa' politika fit-tul, ibbażata fuq l-objettivi stabbiliti fl-Artikoli 174 u 175 tat-TFUE; jesprimi t-tħassib tiegħu li l-politika ta' koeżjoni tal-Unjoni, inkluż kif prevista fl-FSE+, spiss tintuża bħala għodda ta' rispons ta' emerġenza u jissottolinja li dan l-approċċ jifforma riskju għall-objettivi ta' politika u ta' investiment fuq perjodu itwal tal-politika ta' koeżjoni u riskju li ma jkunux jistgħu jintlaħqu b'mod suffiċjenti l-persuni li għalihom hija maħsuba l-politika ta' koeżjoni;

23. Jinsisti li l-ħolqien tal-impjiegi u l-inklużjoni soċjali jridu jibqgħu prijorità, filwaqt li jiġi żgurat li r-reġjuni kollha, b'mod partikolari dawk li qed jiffaċċjaw tranżizzjonijiet, jibbenefikaw mill-opportunitajiet tal-fondi ta' koeżjoni;

24. Jistieden lill-Kummissjoni tipproteġi l-allokazzjoni baġitarja tal-politika ta' koeżjoni sabiex tkun tista' tintuża għall-objettivi u l-benefiċjarji ewlenin tiegħu u tipproponi strument ta' riżerva finanzjarja li jippermetti lill-UE tirrispondi malajr u b'mod flessibbli għal emerġenzi soċjali u sitwazzjonijiet ta' kriżi, li jikkomplementa l-FSE+ u fondi oħra ta' koeżjoni, li jkun jew mibni fuq is-suċċess tal-istrument "Appoġġ biex jittaffew ir-Riskji ta' Qgħad f'Emerġenza (SURE)", jew skema ta' riassigurazzjoni tal-qgħad tal-UE, jew abbażi tal-Fond ta' Solidarjetà tal-UE, imfassal biex jiġi mmobilizzat biex isewwi l-ħsara kkawżata minn diżastri naturali speċjalment dawk dovuti għat-tibdil fil-klima jew emerġenzi tas-saħħa pubblika; jistieden lill-Kummissjoni, għalhekk, tiżgura l-finanzjament suffiċjenti tiegħu fid-dawl taż-żieda fir-riskji f'dawn l-oqsma;

25. Jitlob li r-regoli li jirregolaw il-politika ta' koeżjoni jippermettu li l-fondi pubbliċi jiġu allokati biss lil dawk l-impjegaturi li jirrispettaw id-drittijiet tal-ħaddiema u r-regoli applikabbli dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol; jappella, barra minn hekk, għal kundizzjonalitajiet soċjali aktar effettivi fir-regoli dwar l-akkwist pubbliku u l-konċessjonijiet.

ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR GĦAL OPINJONI RĊEVIET KONTRIBUT MINGĦANDHOM

Ir-rapporteur għal opinjoni tiddikjara, taħt ir-responsabbiltà esklużiva tagħha, li ma rċeviet l-ebda kontribut minn entità jew persuna li jrid jissemma f'dan l-Anness f'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura.